MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 13/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tal-elf disa' mija u sitta u sebghin (1976) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor John Cachia Zammit sa mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u sitta u tmenin (1986) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom hamsa u ghoxrin (25) sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B anness, Klawsola 3 (a) u (b) ir-rikorrenti obbliga ruhhu illi jaghti manteniment lil martu pero' dan limitataent sakemm hija ma jkollhiex impjieg ;

Illi in fatti l-intimata bdiet tahdem ftit zghira biss wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni u l-manteniment ma baqax dovut lilha mir-rikorrent u ghaldaqstant m'hemmx pendenzi f'dan ir-rigward ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Jannar, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat il-provi kollha li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul peress illi huwa ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Ottubru 1986 u ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ulied il-partijiet huma maggorenni, kif ukoll illi huwa ma ghandu jaghti l-ebda manteniment lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------